DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR190628** **27.03.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Tnedija tal-ktieb 'L-Etika fil-Politika'***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia flimkien mal-*Whip* tal-Gvern Byron Camilleri, id-Deputat *Whip* tal-Oppożizzjoni Frederick Azzopardi u l-editur tal-pubblikazzjoni Dumnikana Patri Raymond Gatt O.P. nedew il-pubblikazzjoni 'L-Etika fil-Politika'.

Matul il-konferenza l-Ispeaker qal li l-etika fil-politika fit-tħaddim ta' demokrazija parlamentari hi indiskussibbli. Tant kemm dan hu minnu, illum, grazzi għall-mekkaniżmi leġiżlattivi, pajjiżna għandu l-ewwel Kummissarju għall-*Istandards* fil-Ħajja Pubblika u għaldaqstant issa jeżisti mekkaniżmu li jirrispondi lill-Kumitat Parlamentari presedut mill-Ispeaker u minn żewġ membri miż-żewġ naħat tal-Kamra. L-Ispeaker qal li llum pajjiżna jħares lejn l-istituzzjoni bħala istituzzjoni li għandha l-makkinarju biex timxi b'mod korrett u b'mod trasparenti u dan irawwem aktar fiduċja f'din l-istituzzjoni u fil-politiku.

L-Ispeaker irringrazzja lil dawk kollha li taw kontribut fil-pubblikazzjoni u għarraf lil dawk preżenti li kien se jqassam kopja tal-pubblikazzjoni lill-membri parlamentari kollha fis-seduta tal-Erbgħa, 27 ta' Marzu.

Il-konferenza stampa ġiet indirizzata minn Patri Raymond Gatt OP, mill-*Whip* tal-Gvern Byron Camilleri u mid-Deputat *Whip* tal-Oppożizzjoni Frederick Azzopardi.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt